**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' April 2022**

**Rikors Numru : 280/2018 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**SV**

**Vs**

**CM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' SC datat 31 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti u l-intimat kellhom relazzjoni extra maritali bejniethom, u minn dina r-relazzjoni kellhom wild komuni, ossija, tifla minuri bl-isem ta' D li twieldet nhar X, li llum għandha (X) il-sena, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dok '**A**';*

2. *Illi r-relazzjoni tal-partijiet kienet tfarrket irremedjabbilment u ma kienx hemm konvivenza bejn il-koppja għal dawn l-ahhar snin, u dana qieghed jaffettwa it-trobbija tal-minuri;*

3. *Illi l-minuri mit-twelid tagħha dejjem għexet mal-esponenti fejn għadha tgħix magħha sal-lum, u hija qiegħda tieħu ħsieb it-trobbija u l-edukazzjoni tagħha wahedha;*

4. *Illi għalkemm l-intimat fil-passat kien jinvolvi ruħhu fil-ħajja tal-minuri, aktar ma jgħaddi ż-żmien, l-intimat anqas u anqas qiegħed juri interess fil-minuri, u saħansitra wasal sabiex għal zmien twil qata' kull kuntatt mal-minuri. Illi inoltre', l-esponenti qiegħda unikament iġorr il-piż tat-trobbija tal-minuri u dana kemm mil-lat finanzjarju u kif ukoll mill-lat emozzjonali mingħajr ebda għajnuna tal-intimat;*

5. *Illi bhala stat ta' fatt il-missier intimat, ġieli halla perjodu konsiderevoli ta' zmien, qabel ghamel xi tip ta' komunikazzjoni mar-rikorrenti u talab biex jara lill-minuri u dan fuq ghazla tiegħu. Fattwalment l-aċċess huwa sporadiku ghall-ahhar, minghajr l-ebda rutina ghall-minuri;*

6. *Illi fid-dawl taċ-ċirkustanzi suriferiti, l-esponenti hija tal-umli opinjoni illi fl-aħjar interess tal-minuri, il-kura u kustodja tal-minuri tiġi affidata esklussivament f' idejha;*

7. *Barra minn hekk, ikun ġust u ideoneu li dina l-Onorabbli Qorti tiffisa rata alimentarja diċenti għall-bżonnijiet tal-minuri, kif ukoll ħlas rigwardanti saħħa u edukazzjoni;*

8. *Illi l-process tal-medjazzjoni falla u minkejja li saru diversi tentattivi sabiex il-kontendenti jaslu għall-ftehim bonarju, dana ma kellhux eżitu pożittiv u l-esponenti ġiet debitament awtorizzata minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex tipproċedi bl-istanti permezz ta' digriet datat nhar it-tnejn u għoxrin (22) t' Ottubru tas-sena kurrenti, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dok '**B**'.*

9. *Illi l-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tar-rikorrenti;*

*Għaldaqstant jgħid l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment neċessarju u opportun;*

1. *Tafda u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-esponenti, b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, trobbija, safar tal-minuri, inkluż ħruġ jew tiġdid tal-passaporti tal-minuri, u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri, għandha tittieħed esklussivament mill-omm rikorrenti waħedha mingħajr il-bżonn ta1-awtorizzazzjoni u/jew il-kunsens tal-*

*intimat, u dana fl-aħjar interess tal-imsemmija minuri u dana ghal ragunijiet imputabbli interament lill-intimat;*

2. *Tiġi konsegwament iffisata r-retta alimentarja pagabbli b'rati mensili, mill-intimat lir- rikorrenti għall-minuri, tipprovdi kif għandhom jitħallsu l-ispejjeż edukattivi u ta' saħħa kif ukoll tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess mantiment għandu jiġi awmentat minn żmien għal żmien;*

3. *Tordna konsegwentament lill-intimat iħallas lill-esponenti l-ammont ta' manteniment mensili kif stabbilit minn dina l-istess Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' CM datata 26 ta' Frar 2019, a fol 27 et seqq., li taqra hekk:

i. *Illi l-intimat esponenti jikkonferma li l-partijiet kienu f'relazzjoni ta' madwar tlettax il-sena u minn tali relazzjoni twieldet il-minuri DM nhar X u li llum għandha X il-sena;*

ii. *Illi kuntrarju għall-impressjoni li qed tittenta tgħati l-attriċi, l-partijiet għexu flimkien fir-residenza tal-esponenti għal aktar minn (X) snin u kien fis-sena 2015 li l-attriċi telqet mid-dar tal-esponenti. F'dak iż-żmien l-attriċi u l-minuri kien ampjament supportati mill-esponenti;*

iii. *Illi f'dak il-perjodu meta nfirdu l-partijiet stess iffirmaw skrittura privata datata 24 ta' Novembru, 2015, li permezz tagħha l-partijiet iddelinjaw il-ftehim ta' bejniethom rigward l-kura u l-kustodja ta' bintom il-minuri. Kopja ta' tali ftehim qiegħdha tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok CM1". Illi tant hu hekk li l-ftehim ġie segwit għal numru ta' snin sakemm l-attriċi ħolmot li tintavola dawn il-proċeduri sabiex mingħaliha tużurpa aktar flus mingħand l-esponenti u tgħajjex lilha nnifisha;*

iv. *Illi fir-rigward tal-arranġament dwar il-manteniment l-partijiet kienu stabbilew ir-rata mensili ta' mitejn u erbgħin Ewro (€ 240) bħala manteniment għall-minuri da parti tal-esponenti. Di fatti, l-esponenti dejjem ħallas fil-pront is-somma ta' sittin Ewro (€ 60) fil-ġimgħa lir-rikorrenti;*

v. *Illi apparti l-pagamenti tal-manteniment, l-esponenti infallibilment dejjem ikkontribwixxa għal-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri;*

vi. *Illi l-għan ewlieni tal-attriċi li tużurpa aktar flejjes mingħand l-esponenti, ħareġ ċar waqt il-proċeduri ta' medjazzjoni meta hi ttentat titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tieħu ħames mitt Ewro (€ 500) bħala manteniment u dan permezz ta' rikors ġuramentat datat is-26 ta' Jannar tas-sena 2018. Permezz ta' digriet tal-21 ta' Marzu, 2018, (hawn anness u mmarkat bħala "Dok CM2") dina l-Onorabbli Qorti diversement presjeduta, ċaħdet it-talbiet tal-attriċi u filfatt ordnat lill-intimat ihallas € 240 kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-minuri, oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni taghha, pagabbli wara li jintwera d-debita ircevuta;*

vii. *Illi kuntrarju għal gideb, u allegazzjonijiet tal-attriċi, kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża l-esponenti segwa l-ordni tal-Qorti ai termini tad-Digriet suespost. Hija ħrafa li l-attriċi tieħu ħsieb it-trobbija u l-edukazzjoni tal-minuri waħedha. Di fatti kif ser jirriżulta mil-estratti tal-kontijiet bankarji, l-esponenti dejjem ħallas regolarment u fil-pront għal kwalunkwe spiża relatata mal-minuri;*

viii. *Illi l-attriċi ma ddejjqitx tiddikjara apertament li hija ma kienitx qed tqis id-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti bħala wieħed validu u kemm il-darba saħqet li akkost ta' kollox kienet ser tagħmel ħajjiet l-esponenti diffiċli sabiex tilħaq l-għan tagħha li tiġi awmentata r-retta alimentarja. L-attriċi kellha wkoll l-ardir li fis-seba' paragrafu tar-Rikors ġuramentat tgħid li jkun "ġust u idoneu li dina l-Onorabbli Qorti tiffissa retta alimentarja diċenti għall-bżonnijiet tal-minuri" - bħallikieku € 240 kull erba' ġimgħat ma kienux diċenti considerando l-introjtu tal-esponenti;*

ix. *Illi fir-rigward tar-relazzjoni tal-esponenti mal-minuri, jingħad li l-esponenti*

*dejjem kellu relazzjoni tajba ħafna ma' bintu sakhemm fis-sena 2017 l-attriċi ddeċidiet li tiċħad l-aċċess għall-minuri lill–esponenti, tant illi f'Diċembru 2017 huwa kien kostrett jintavola rikors urġenti (Rikors numru 477/12/2017) (hawn anness u mmarkat bħala "Dok CM3") sabiex jingħata aċċess lil-bintu. Inspjegabbilment u konvenjentement għal-attriċi dejjem irnexxielha tevita n-notifika tal-istess rikors fl-indirizz tagħha u ta' fejn taħdem;*

x. *Illi minn dak iż-żmien l-attriċi għamlet minn kollox biex tbiegħek l-esponenti minn mal-minuri tant illi l-esponenti saħansitra jmur jara lill-bintu training bil-moħbi sabiex l-attriċi ma tagħmilx xi xenata;*

xi. *Illi huwa qarrieqi u inveritier wkoll li jingħad li l-esponenti jagħmel perjodu konsiderevoli ma jagħmel x tip ta' komunikazzjoni ma' bintu għaliex huwa jagħmel minn kollox sabiex iżomm kuntatt magħha. Dan kollu ser jiġi ippruvat waqt is-smiegħ tal-proċeduri;*

xii. *Illi fir-rigward tal-ewwel talba tal-attriċi, għar-raġunijiet suesposti jingħad li l-esponenti huwa assolutament kontra li l-kura u l-kustodja tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi għaliex din huwa biss pretest mill-attriċi sabiex tkisser b'mod irrimedjabbli r-relazzjoni ta' bejn l-esponenti u l-attriċi;*

Rat id-digriet taghha datat 31 ta' Jannar 2019, a fol 30 tal-process 223/2018/2;

Rat id-digriet taghha datat 24 ta' Frar 2020, a fol 41 tal-process;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici, SV xehdet nhar il- 15 ta' Mejju 2019** ***(vide fol 37A et seq)*** u spjegat illi hija iltaqghet mal-intimat circa hdax (11)- il sena ilu izda huma qatt ma zzewwgu il-ghaliex l-intimat kien

mizzewweg. Illi sussegwentement marru jghixu flimkien u kellhom it-tifla, li twieldet fl- 4 ta' Gunju 2006. Madwar tlett snin u nofs ilu infirdu u ghalkemm l-affarijiet kienu sejrin tajjeb ghall-ewwel sentejn, dan l-ahhar sena u nofs, l-affarijiet rregressaw insegwitu ta' argument. Illi minn dakinhar, l-affarijiet baqghu qatt ma ttrangaw. Tispjega illi l-intimat xtaq li l-access mal-minuri ikun fil-weekend, u cioe mill-Gimgha sal-Hadd u peress li hija marret tghix in –naha ta' fuq ta' Malta, hi kienet tnizzel lill-minuri sal-Mosta ghall-access biex tkun nofs triq ghat-tnejn. Gara illi meta hija waqfet tahdem fil-*catering* u ma baqatx tahdem fil-weekends, kienet avzat lill-intimat biex jinfurmaha f'kaz li jkollu bzonn li jraqqad lill-minuri ghandi xi hadd, sabiex hija tkun taf ma' min qieghda.

Darba minnhom, ghalkemm l-intimat kien ha lill-minuri mill-gimgha, huwa kien xoghol dakinhar, b'dana illi fil-fehma tal-attrici il-minuri setghet raqdet mal-attrici filwaqt li l-intimat kien jiehu lill-minuri mis-Sibt wara t-training tal-futbal stante li dan l-istess training kien ikun il-Mosta. L-attrici tishaq illi l-minuri hija impjenata hafna bil-futbol, u jkollha t-training hamest ijiem fil-gimgha u jaslu lura d-dar mat-tmienja ta' bil-lejl, filwaqt li l-intimat ftit li xejn huwa ta'ghajnuna minn dan l-aspett. Il-minuri qieghda thoss ukoll in-nuqqas tal-familja tal-intimat u tal-kugini u z-zijiet taghha. L-attrici tirrakonta illi hija ma tersaqx lejn il-familja tal-intimat u dan wara li f'Awwissu tas-sena l-ghaddiet, l-intimat kellu jghaddi ghall-minuri fil-hamsa ta' wara nofsinhar, u filghodu l-attrici kienet haditha l-bahar. Sakemm kienu l-bahar l-intimat beda jipprova jaghmel kuntatt mal-minuri tramite messenger izda it-tifla ma kellhiex access ghall-internet il-bahar. Kif waslu d-dar u cioe xis-saghtejn ta' wara nofsinhar biex tilhaq tkun lesta sal-hamsa. Hekk kif il-minuri baghtet lill-missierha, huwa wegibha li kien ilu gurnata jibatilha u li issa mhux tiela' ghaliha. Il-minuri kienet hadet fastidju u l-intimat kien wiegeb lill-minuri li "isha belha" bhal ommha. Illi wara dan l-episodju, il-minuri u l-intimat kienu ghamlu disa' (9) gimghat ma jitkelmux. Illi wara dan l-episodju kienet hadet lit-tifla ghat-terapja. Tispjega illi hi l-intimat kienet ilha tafu sittax (16)- il sena u li flimkien kienu rabbew familja ta' hamsa u dana peress li hija kellha tifla qabel u hu ghandu tifel u kienu jghixu kollha taht l-istess saqaf u li dan ma kienx il-missier li taf hi u kien f'dan il-punt li saret taf illi l-partner tal-intimat kienet qed toggezzjona ghall-presenza tat-tifla fid-dar tal-intimat ghaliex din kienet qieghda tissepara u fil-fehma taghha l-minuri bint il-partijiet setghet tkun ta' spija. Illi filfatt l-intimat ma kienx qieghed inizzilha lejn familtu.

Rigward manteniment, l-attrici tispjega illi qabel hija kienet tghaddilu l-ircevuti kollha tal-ispejjes peress li l-minuri tattendi skola tal-knisja u anke futbol. Tiddikjara illi bhalissa huwa qieghed jghaddilha sittin ewro fil-gimgha bhala manteniment u kull meta prezentatlu l-ircevuti dejjem

hallas. Fil-prezent hija tista tahdem biss part-time ghaliex irrangat biex il-minuri tieqaf hdejha l-ufficju Bkara biex ikunu qrib il-ground u ma toqghodx terga titla u tinsel mill-Mellieha. Illi maz-zmien baqghu jinqalghu xi dizgwiti b'dana illi wassal lill-attrici tiftah il-proceduri odjerni.

Rigward ir-rata tal-manteniment, l-attrici tispjega illi din kienet l-istess rata li l-intimat kien jghaddi ghat-tifel tieghu. Illi pero hija mhiex tlahhaq specjalment in vista tal-fatt li ghandha hafna giri bil-minuri minhabba t-training tal-futbal u kull sena il-minuri ssiefer mal-club tal-futbal. Apparti minn hekk xhin tasal mill-iskola peress li tieqaf l-ufficju fejn tahdem l-attrici, ma jkollhiex cans issajjar imma jkollha tixtrilha xi haga minn hanut qrib ix-xoghol taghha. Tispjega illi meta kienu flimkien dejjem kien hemm qbil fuq kif ser jithallsu l-ispejjes u anke sa sentejn wara li infirdu. Tispjega illi l-intimat jahdem ghal rasu jaghmel il-gypsum.

**L-intimat CM xehed nhar l-24 ta' Frar 2020** ***(vide fol 43 et seq)*** u spjega illi huwa iltaqgha mal-attrici madwar tlettax (13) – il sena ilhu u kienu ghamlu xi tnax (12)- il sena jghixu flimkien imma qatt ma zzewwgu. Xehed li flimkien kellhom tifla li waslet biex taghlaq X – il sena. Jixhed illi issa ghaddew xi erba snin minn meta infirdu. Izid illi l-attrici kienet ddecidiet li titla tghix il-Mellieha mentri hu kienu jghix Santa Venera u minhabba d-distanza kienu ftehmu illi tibda tnizzilha sal-Mosta u kienu ghamlu kitba quddiem l-avukat bejniethom. Illi rigward access kienu ftehmu illi l-minuri tkun mieghu mill-Gimgha sal-Hadd anke peress li dak iz-zmien l-attrici kienet tahdem fil-weekends. Rigward manteniment, kien hemm qbil illi huwa jghaddilha sittin ewro fil-gimgha aparti l-ispejjes ta'sahha u edukazzjoni. Jixhed illi kienu ghamlu xi sentejn ihadmu dan l-arrangament, izda kollox mar il-bahar kif huwa beda relazzjoni ma' persuna ohra. Izid illi l-attrici kienet riedet li jergghu jirrangaw izda hu kien tilef il-fiducja fl-attrici li kienet temmet ir-relazzjoni taghhom minghajr raguni valida. Kien ghalhekk illi l-attrici baqghet taghmel il-bsaten fir-roti fir-relazzjoni il-gdida tieghu. Jirrakonta illi peress li l-minuri kienet tattendi skola fejn id-dar ta' ommu, l-attrici bdiet tmur ghand ommu u wara xi gimghatejn, omm l-intimat kienet infurmatu li ma kienitx komda b'din is-sitwazzjoni. Stqarr illi ommu ma kellha l-ebda problema li l-minuri tieqaf ghandha wara l-iskola. Kif l-intimat kellimha fuq dan, l-attrici waqfet tnizzel lill-minuri l-Mosta u ma hallitux jaraha iktar. Kien fethilha rikors b'urgenza izda jixhed illi l-attrici ghadha mhux notifikata bih.

Jispjega illi llum il-gurnata r-relazzjoni tieghu mal-minuri marret il-bahar u dana peress li t-tifla haditha kontrih. Maz-zmien, lit-tifla beda jerga' jaraha u qieghed icempilha kwazi kuljum u gieli jitla l-Mellieha u jaghmel nofs ta' nhar maghha. Jikkonferma illi l-minuri tmur skola l-Hamrun u ghalkemm dan huwa vicin ghalih, huwa jkun xoghol x'hin it-tifla tispicca mill-iskola. Inoltre,

minhabba l-impenji tal-minuri, huwa qieghed jitla hdejha s-Sibt peress li jkollha l-futbal.

Rigward l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni, jixhed illi l-attrici tghaddilu l-ircevuti fl-ahhar tax-xahar u jghaddihomla mal-manteniment. Jispjega illi jippreferi ihallas manteniment u l-ispejjes ta'sahha u edukazzjoni ghaliex lill-attrici jaraha tonfoq hafna u mhux bilghaqal bil-flus. Izid illi hija ghandha anke ttih erba mitt ewro. Jirrakonta ukoll illi fil-birthday tal-minuri, kien gabar mittejn ewro minghand hutu bhala rigal ghall-minuri, biex tkun tista tixtri slipper. Illi pero' dan l-islipper dam xhur biex inxtara.

L-intimat jikkonferma illi huwa jahdem ghar-rasu u jaghmel xoghol ta kisi, tibjid, u gypsum u jiddikjara illi huwa jippercepixxi bejn 13 u 15-il elf fis-sena u dana peress li hawn hafna barranin bi prezzijiet iktar kompetitivi u ghalhekk qieghed jaqla hafna inqas. Jispjega illi meta kienu ghadhom flimkien huwa kien jghaddilha certu ammont fix-xahar madwar tlett mitt ewro (€300) izda imbaghad kien johorg hafna mill-ispejjes hu peress li l-attrici gieli kienet tahdem u gieli le. Meta ma kienitx tahdem kien jaghtiha aktar u meta kienet tahdem kien jaghtiha xi haga biex izzid mal-paga taghha, filwaqt li l-kontijiet kien ihallashom hu. Rigward l-ispejjes tal-edukazzjoni u l-extra kurrikulari tal-minuri, l-intimat jixhed illi huwa dejjem hallas sehmu minnhom. Apparti l-ispejjes tal-minuri, l-intimat jispjega illi huwa jhallas il-loan tar-residenza tieghu, u cioe mitejn ewro fix-xahar u ghandu tifel iehor li ghadu jghix mieghu.

**Charmaine Psaila Rago, rapprezentanta APS Bank, xehdet nhar it- 22 ta' Settembru 2020** u spjegat illi mir-ricerki li saru jidher li l-intimat qatt ma kellhu relazzjoni bankarja mal-imsemmi bank.

**Saviour Theuma rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali xehed nhar it- 22 ta'Settembru 2020** u pprezenta dok ST1 dwar beneficcji li ha l-intimat.

**Johanna Bartolo rapprezentanta BOV Bank Plc, xehdet nhar l- 10 ta' Novembru 2020** u prezentat Dok JB1 u Dok JB2.

**Lorraine Attard rapprezentanta HSBC Bank Malta Plc xehdet nhar l-10 ta' Novembru 2020** u prezentat Dok LA1 sa LA4.

**WRPC 3018 Ismeni Fenech, stazzjonat l-Qawa xehed nhar l- 10 ta'Novembru 20920** u prezenta dokument WRPC1 sa WRPC3.

**Saviour Thema rapprezentat Dipartiment tas-Sigurta Socjali xehed nhar l-1 0 ta'Novembru 2020** u pprezenta DOK ST2 u ST3.

**Jospeh Saliba rapprezentant tal-Jobs Plus xehed nhar l-10 ta' Novembru 2020** u prezenta Dok SS1.

**Joanna Bartoli in rapprezentana tal Bank of Valletta plc nhar is- 26 ta' Jannar 2021** xehdet illi mir-ricerka li saret jirrizulta illi hemm erba (4) kontijiet fuq isem l-attrici, izda tlieta minnhom biss ghadhom miftuha.

**Lorraine Attard in rapprezentanza HSBC Bank Malta plc, nhar is-26 ta'Jannar 2021** xehdet illi mir-ricerki li saru, ma nstab l-ebda kont fuq isem l-attrici.

**Savior Theuma in rapprezentanza tad Dipartiment tas-Sigurta Socjali, nhar is-26 ta' Jannar 20221** prezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok ST4 li jindika l-beneficcji li hadet l-attrici tul dawn l-ahhar ghaxar (10) snin.

**Ri-prodott in kontro-ezami nhar it-13 ta' Ottubru 2021, l-intimat CM,** ikkonferma illi minn Mejju tas-sena 2020, ir-relazzjoni tieghu mal-minuri marret ghall-ahjar u li issa regghet lura ghan-normal, b'dana illi hija qieghda tmur ghandu fil-weekends u cioe mill-Gimgha sal Hadd u gieli anke tmur nhar ta' Hamis. Rigward manteniment, l-intimat jispjega illi huwa qieghed jghaddi sittin ewro fil-ġimgħa, li jammontaw ghall mitejn u erbghin ewro kull erba' gimghat, imbaghad il-partijiet qeghdin jaqsmu l-ispejjes relatati mas- saħħa u l-edukazzjoni, fejn l-attrici tibgħatlu mat-tifla x'għandu jagħtiha, u hu jagħtihom lil ommha. Izzid illi fil-prezent huwa involut fil-hajja tal-minuri u li peress li raw li kellha diffikulta fl-iskola baghtuha l-privat u anke naqset ftit mill-futbol.

**Joseph Debono rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni xehed nhar l-4 ta' Novembru 2021** u ipprezenta l-prospetti tat-taxxa tal-partijiet ghas-snin 2010 sa 2020, li gew immarkati bhala Dok JD1 u Dok JD2.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza rigward il-kura u kustodja tal-wild minuri tal-partijiet, DM li twieldet X, u llum ghandha circa X il sena. Illi filwaqt li mill-atti jirrizulta illi l-partijiet ghamlu perjodu ta' konvivenza, ormai r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat. Illi l-minuri qieghda tirrisjedi mal-attrici omm b'dana illi l-intimat ghandu access versu l-istess minuri. L-attrici qieghda titlob illi hija tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri, filwaqt li l-intimat joggezzjona ghal tali talba.

**Il-kura u kustodja tal-minuri:**

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija ggwidata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal, u l-aqwa' utilita u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa filmaterja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din ixxorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri flisfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Skont is-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CD*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Frar 2018 gie ritenut illi:

> ***Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha lokkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.***

Il-Qorti taghraf illi f'cirkostanzi normali, iz-zewg genituri ghandhom rwol importanti fil-hajja u fit-trobbija ta' uliedhom, u ghalhekk l-ebda wiehed mill-genituri m'ghandhu jigi eskluz mit-trobbija tal-ulied sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji li jwasslu lil Qorti li tiehu mizura daqshekk drastika. Izda kif inghad, f'din il-materja il-Qorti tigi gwidata mill-ahjar interessi tal-

minuri, u ghalhekk il-Qorti ghandha tezamina, jekk fic-cirkostanzi, huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi l-omm tinghata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri.

Il-Qorti rat illi ghalkemm fil-passat kien hemm certu divergenzi bejn il-partijiet li anke waslu sabiex dawna ikollhom impatt negattiv fuq ir-relazzjoni tal-minuri mal-intmat missierha, din il-Qorti rat, illi kif jirrizulta mill-ahhar xhieda tal-intimat (tat-13 t'Ottubru 2021), li r-relazzjoni bejn il-minuri u l-intimat hija issa wahda soda u jidher li l-partijiet b'xi mod jew iehor qeghdin jifthemu. Il-Qorti rat ukoll illi ghajr ghal dak il-perjodu fejn l-intimat u l-minuri kellhom dizgwid, l-intimat dejjem kien prezenti fil-hajja ta' bintu.  Illi fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma taqbilx ma dak rilevat mill-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, u hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-intimat m'ghandux ikun zvestit mid-drittijiet ta' genitur biex l-kura u l-kustodja tal-minuri tinghata eskussivament lill-attrici. Il-Qorti rat ukoll illi kif appena il-partijiet indunaw li l-minuri kellha bzonn li tattendi ghal xi lezzjonijiet tal-privat, tali decisjoni ttiehdet minn entrambi l-partijiet, u jidher ukoll illi kull fejn kien mehtieg il-kunsens tal-intimat sabiex il-minuri issiefer mal-club tal-futbal, jidher li dan dejjem inghata u sahanistra l-intimat dejjem qasam l-ispejjes mal-attrici. Illi ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tibqa wahda kongunta bejn il-partijiet, b'residenza primarja mal-omm.

Fir-rigward ta' access, din il-Qorti hija tal-fehma illi anke fid-dawl tal-eta tal-minuri u l-impenji taghha, dana l-access jibqa jigi ezercitat kif originarjament maqbul bejn il-partijiet, b'dana illi l-intimat ghandu jkollu access versu l-minuri mill-Gimgha sal-Hadd u possibbilment nhar ta' Hamis jekk l-iskeda tal-minuri u l-impenji lavorattivi tal-intimat hekk jippermettu.

**Manteniment:**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew ilpensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din ilpersuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom."***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mirresponsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu lintrojtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li***

> ***jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. IlQorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fir-rigward, din il-Qorti rat illi l-akbar spejjes inkorsi ghall-minuri huma dawk relatati mal-edukazzjoni tal-minuri, inkluz il-lezzjonijiet tal-privat u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri stante li l-minuri qieghda involute bil-kbir fil-futbal u ghalhekk dana igib mieghu spejjes konsiderevoli ta' *football kits, slippers, tournaments* u anke safar fost diversi affarijiet ohra. Din il-Qorti rat illi dawna l-ispejjes qeghdin jinqasmu ugwalment fejn il-partijiet u hija tal-fehma illi dawna l-ispejjes ghandhom jibqghu jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet fuq prezentata tar-ricevuti relattivi.

Illi fir-rigward tal-manteniment, din il-Qorti rat illi kif ammess mill-attrici *ex admissis* waqt it-testimonjanza taghha, l-intimat dejjem ghadda l-manteniment originarjament ordnat min din il-Qorti diversament preseduta fis-sena 2018 u cioe l-ammont ta' EUR 240 kull erba' gimghat. Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti illi dana l-ammont ghandu jizdied ghal EUR 260 kull xahar, b'dana illi din iz-zieda ghandha tkopri l-gholi tal-hajja mis-sena 2018, u liema ammont ghandu jigi versat lir-rikorrenti f'kont bankarju indikat mill-istess rikorrenti, flimkien ma sehem l-intimat mill-ispejjes ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari. Il-Qorti tordna illi l-manteniment ghandu jibqa' jgholha skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Illi maghdud ma' dan din il-Qorti jidhrilha illi l-intimat m'ghandux jigi rimborzat tal-ispejjes li huwa jinkorri meta l-minuri tkun qieghda mieghu ghall-access. Il-Qorti tordna ukoll illi l-attrici ghandha tibqa' tippercepixxi c-*children's allowance* relattiva ghall-minuri bint il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tichad l-ewwel talba tal-attrici limitatament u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri DM ghandha tibqa' wahda kongunta bejn il-partijiet, b'dana illi r-resdienza primarja tal-minuri ghandha tkun mal-attrici omm filwaqt li l-intimat missier ghandu dritt ta' access hekk kif stabbilit fil-konsiderazzjonijiet maghmula aktar l'fuq;**

2. **Tilqa limitatament t-tieni u t-tielet talba attrici u tordna lill-intimat iħallas is-somma ta' EUR 260 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri bint il-partijiet, liema manteniment għandu jiġi versat lill-attrici f'kont bankarju indikat mill-istess attrici kull l-ewwel tax-xahar, flimkien ma' nofs l-ispejjes relatati mal-edukazzjoni, lezzjonijiet tal-privat, saħħa u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri, u dana fuq preżentata ta-riċevuti relattivi, liema ammonti għandhom ukoll jiġu versati lill-attrici f'kont bankarju indikat mill-istess. Il-Qorti tordna illi l-manteniment dovut mill-intimat għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Il-Qorti tordna ukoll illi l-attrici għandha tibqa' tippercepixxi c-*children's allowance* relattiva għall-minuri bint il-partijiet.**

**Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**